# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tnejn (2) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 16 ta' April, 2013 fis-6.35pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Nicholas Briffa ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu tqassmu lill-kunsillieri minn ġranet qabel permezz ta' *e-mail*, sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidher fuq il-kopja oriġinali, ġew inizjalati fejn kull amenda, kienu approvati u ffirmati.

PUNTI MILL-MINUTI

3. Nicholas Briffa ta aktar tagħrif dwar il-proposti li qed jagħmel il-KLM lil Transport Malta f'dawk li huma tibdil fir-rotot 72, 117 u 118 tat-trasport pubbliku, kif ukoll dwar il-frekwenzi tal-kuntrattur *Arriva Malta*. Hu qal illi qed nipproponu tibdil fir-rotot u żieda fil-frekwenzi b'mod konġunt mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Fil-frattemp il-KLM sema' lill-istudent universitarju Jorge Spiteri (minn Ħal Safi) kif ukoll laqa' l-proposti holistiċi tiegħu li jinkludu wkoll rotta ġdida bin-numru 75. Jorge Spiteri għandu feedback tajjeb dwar kif jista' jitjieb is-servizz minn studju li qed jagħmel fejn qed jagħti każ tat-traffiku u s-servizzi bażiċi bħal ma huma dawk ta' spiżeriji, dar tal-anzjani ecc biex il-*commuters* ma jkollhomx għalfejn jivvjaġġaw fit-tul u fl-istess ħin jinqdew b'iżjed effiċjenza. Dan qed jagħmlu billi saħansitra qed ikellem lin-nies. Fil-każ tal-Imqabba, qed jiġi studjat illi t-trasport pubbliku ma jibqax jgħaddi minn-naħa tal-bandli, żidna l-ħinijiet ta' fil-għodu kull kwarta u se ninkludu r-rotot l-antiki li kienu jgħaddu minn ħdejn ir-residenza tal-anzjani ta' San Vincez de Paule.

4. Dwar il-Binja Ħarriġiet, is-Sindku qal li se nkomplu nsegwu l-każ sabiex jitranġaw il-meded tad-drenaġġ, billi l-Awtorita' tad-Djar kellhom jirrimedjaw bil-ħruġ ta' kwotazzjoni/offerta pubblika. Biex isir dan, huma kellhom jikkumpilaw il-BOQs biex il-kuntratturi jkunu jafu minn qabel x'hemm bżonn isir, sabiex jitfgħu il-bid tagħhom u jgħaddu l-katusi minn mas-soqfa tal-*basement garages.*

5. Dwar l-iskema fejn il-Gvern Ċentrali jrid jinvolvu lill-KLM biex jamministra il-partijiet komuni ta' Binja Ħarriġiet, is-SE qal li hu iċċekkja u l-KLM irid iwaqqaf assoċjazzjoni u jinħatar amministratur biex ikun jista' jsir xi żvilupp. Hawn is-Sindku qal li għaldaqstant hemm bżonn li nagħmu l-laqgħa mar-residenti. Id-Deputat Sindku qalet illi matul il-laqgħa msemmija irridu l-ewwel nett naraw jekk hemmx bżonn jinħatar amministratur għal kull blokka u d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu xorta waqt laqgħa tal-KLM u mhux waqt il-laqgħa mar-residenti.

6. Wara l-laqgħa li nżammet għar-residenti ta' Triq San Mikiel nhar il-11 ta' April, is-SE qal li ċ-ċwievet tal-katnazz tal-barikata tal-parti pedonali, bdew jitqassmu lir-residenti. Hu qal li inqatgħu sittax-il ċavetta u tqassmu l-istess numru ta' dikjarazzjonijiet personalment minnu, minkejja li r-residenti qalulu li hemm ukoll xi djar vojta. Is-Sindku qal li minkejja l-KLM żamm laqgħa mar-residenti ta' Triq San Mikiel, wieħed ma jistax jinjora l-problema li għandhom in-nies ta' Triq il-Qattara għaliex dawn kitbulna u talbuna (u weġibnihom) biex nindirizzaw il-problema tagħhom. Intant se naraw jekk hux se jirnexxielna noħorgu l-ilma minn Triq San Bażilju lejn Sqaq l-Isptar permezz ta' *culvert,* filwaqt li l-KLM għal darb'oħra mhux se jwettaq ix-xogħlijiet tal-*culvert* propost fi Triq il-Qattara. Is-SE se jinforma lill-*bidders* b'din

id-deċiżjoni għaliex il-KLM mhux f'pożizzjoni finanzjarja li jidħol għal €20,000 spiża, meta għad fadlilna madwar €120,000 x'jitħallsu fuq it-toroq li saru mill-leġislatura preċedenti. Is-Sindku hu fiduċjuż li jekk togħla l-bankina kif kienet qabel ma saret it-triq bit-tarmak, l-ilma ma għandux jibqa' dieħel għand ir-residenti ta' Triq il-Qattara. Dwar il-proposta tiegħu; dik żvelata waqt il-laqgħa tar-residenti, li jitpoġġew pjattaformi fil-jiem tax-xitwa fi Triq San Mikiel, hu qal li wieħed irid jistudjaha sew jekk tistax isseħħ biex nibbriġġjaw il-widien li jgħaddu minn hemm.

7. Dwar il-problema strutturali fil-Bini Muniċipali fejn l-awtoritajiet tas-saħħa qed jilmentaw magħna dwar nuqqas ta' manutenzjoni, il-KLM talabhom isibu post alternattiv filwaqt illi s-SE wiegħed li se jagħmel manutenzjoni ta' natura regolari fuq il-bjut tal-entratura tal-berġa li minnha dieħel l-ilma tax-xita. Is-SE qal illi jekk ikollhom jerġgħu jaqgħu f'idejna l-kmamar tal-awżiljarji, nistgħu nirkupraw biċċa art li kienet tagħmel mal-għassa u li issa hija mitluqa u tinsab kollha mbarazz u ħmieġ li kellha l-aċċess ostakolat. Din tidher minn fuq it-terazzin.

8. Dwar l-iskema lokali li kien applika għaliha fl-2010 biex isir tisbieħ u manutenzjoni tal-bandli f'Misraħ il-Fidwa, intqal li din l-iskema qatt ma kienet *awarded* mill-Gvern Ċentrali, minkejja li hija projorita' għal din il-leġislatura. Minħabba l-periklu evidenti li jeżisti, dawn il-logħob irridu nirranġawhom minħabba li hemm minnhom imsaddin kollha. Hawn is-SE qal li l-fondi tal-*Fond għat-Titjib Urban* jistgħu jiġu allokati għal dawn il-logħob ġodda tat-tfal.

9. Is-Sindku semma' skemi oħrajn bħal *book box,* restawr tal-istatwi *u cctv cameras* li wkoll rridu naħdmu biex inwettquhom.

10. Intant Nicholas Briffa semma' xi xogħlijiet li saru fi Ġnien Mikelanġ Sapiano fejn hemm il-ħsieb li jinxtraw aktar bankijiet ġodda bħal dawk li twaħħlu f'dan is-sit matul il-ġimgħa li għaddiet. Għal dan il-għan se naraw xi stimi minn għand il-*Homemate* kif ukoll minn għand *Anton Zarb.*

11. Charlene Zammit qalet dwar il-*week-end* seminar tal-*Youth in Action*, li attendiet għalih is-Sibt li għadda illi t-*trainers* qalu li din hija l-aħħar sena, għaliex l-EU tibdel il-programmi minn żmien għal żmien u l-aħħar ċans biex napplikaw hu f'Ottubru 2013. Huma qalu illi biex nibdew l-aħjar niffukaw fuq illi wieħed imur f'pajjiż ieħor u mhux jilqa' lil persuni minn pajjiżi differenti. Hija qalet li se jkun hemm post ta' tlieta minn nies, u wieħed minnhom għandu jkun il-*leader.* Għal dan il-għan irridu ninfurmaw lir-residenti kollha fid-djar permezz ta' notifika li tista' ssir anke fil-fuljett tal-Kunsill ħalli naraw min jixtieq japplika u dawn jiġu mtellgħin bil-polza. Id-Deputat Sindku qalet illi fil-programm tal-*Youth in Action* jeżistu aktar opportunitajiet, fosthom il-*Youth democracy* u *l-volunteering services.* Dwar dan tal-aħħar hija qalet li nistgħu insibu numru ta' żgħażagħ li nkunu nistgħu nibgħatuhom f'zona fqira bħal Palermo, minkejja li rridu minn issa napplikaw għal *expression of interest number.* Hija ssuġġeriet li jintbgħatu stediniet anke lil każini u lil grupp taż-żgħażagħ tal-Kappillan bl-isem *Kri8* ħalli dan il-proġett ikun kollu kemm hu taż-żgħażagħ. Dan biex il-grupp taż-żgħażagħ ikun *empowered* minn *input* ta' parteċipanti akbar. Charlene Zammit qalet illi l-ispiża taż-żgħażagħ tkun ta' 30% għall-ivvjaġġar f'każ li nkunu se nibgħatuhom aħna f'pajjiż ieħor, filwaqt li jieħdu refużjoni ta' 70% tal-ispejjeż. L-ikel u l-allokazzjoni jkunu mħallsin interament mill-Unjoni Ewropeja. Madankollu issa tfaċċat opportunita' oħra ta' safar tal-Aġenzija żgħażagħ bejn il-15 u 22 ta' Ġunju, li hija sfortunatament qalet illi f'dawn il-ġranet iż-żgħażagħ ikunu għaddejjin bl-eżamijiet u hija ma tistax timpenja ruħa matul dan il-perjodu. Is-SE qal li nzerta wkoll ġejja fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Fi tmiem l-intervent tagħha d-Deputat Sindku qalet li t-*trainers* ta' tmiem il-ġimgħa li għadda kienu ċertu Clive u Duncan li ġew mill-aġenzija *Terra di Mezzo (TDM2000).*

12. Nicholas Briffa qal li minkejja li ż-żgħażagħ huma sfortunatament maqsumin bejn il-każini, dan m'hux se jimpedina milli ninvolvuhom fil-*local tourism* billi jieħdu sehem fl-animazzjoni tal-*excursions* tat-turisti, speċjalment dawk ta' fil-għaxija għax fil-għodu jkun diffiċli. Dan iżda

jiddependi mill-*coaches* li jġibu it-*tour operators* b'dik imsemmija bħala *E-Travel Solutions* (li ltaqgħu mas-Sindku) u l-frekwenza tagħhom fostna. Hawn intqal minn Grace Marie Mallia illi din hija fil-linja tal-ħsieb ta' Miżura 313 li rridu naħdmu fuqha għaliex din torbotna illi nġibu t-turisti biex jiġu jżuru l-Imqabba.

13. Kien diskuss in-nuqqas ta' infurzar li hawn bħal issa biex waqt il-ħin li fih ikunu deħlin u ħierġin it-tfal fil-MUSEUM, it-triq tingħalaq bejn il-5pm u s-7pm biex it-tfal jidħlu fi Triq Sta Marija huma biss bil-mixi, filwaqt li r-residenti biss jidħlu bil-vetturi, u ma jitħallewx jidħlu l-ġenituri tagħhom bil-karozzi. Hawn kien suġġerit sabiex titpoġġa barikata mit-tfal stess li tinżamm fil-MUSEUM fil-bidu u t-tmiem tat-triq. Il-KLM qed jissuġġerixxi li *Transport Malta* u li s-Superjur tal-MUSEUM, ikunu nfurmati.

14. Dwar l-*ispeeding* fi Triq Ħal Kirkop u l-periklu għall-vetturi li jgħaddu mill-parti rurali, intqal li rridu nagħmlu konsultazzjoni pubblika qabel ma xi ħadd japprova l-proposti tagħna u nagħmluha *one-way*, wara li Triq l-Imqabba, Zurrieq tiġi asfaltata u tibda tieħu l-vetturi minn naħa opposta. Sadanittant kien deċiż illi nwaħħlu t-tabelli *(closed for heavy vehicles)*, peress li r-*retaining walls* ta' din it-triq huma tas-sejjiegħ u fraġli ħafna.

15. Kien deċiż li jinxtraw xi qsari tal-konkos għall-postijiet strateġiċi biex jitpoġġew f'passaġġi pubbliċi u jitħawwlu xi fjuri fihom. Is-Sindku qal li dawn jiswew madwar €150 u l-siti indikati kienu fil-Pjazza tal-Knisja faċċata tal-Każin tal-PL, u fejn id-Dar tal-Kappillan.

16. Wara l-laqgħa li kellna mal-*Environmental Landscapes Consortium Ltd,* (li l-minuti tal-laqgħa tagħha ingħataw lill-kunsillieri mis-SE, bħalma ingħataw ukoll dawk tal-laqgħa mal-Kap tal-Iskola u tal-laqgħa mal-Perit Bezzina) kien stabbilit illi bil-prezz li qed inħallsu għal dan il-kuntratt, ma nistgħu inħallsu għal persuna biex tkun allokata mal-KLM. Infatti dawn minkejja li qed ikunu qaqoċċa u jkun hemm kritika mir-residenti li ma jkunux qed jarawhom jaħdmu, l-istess gajj ta' persuni jkunu jduru fiż-żona tal-qrib fi rħula varji. Hawn Charlene Zammit issuġġeriet sabiex wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL ikunu delegat mill-KLM sabiex jivverifika li x-xogħol ikun sar.

17. Il-KLM se jorganizza *Clean Up* u għaldaqstant se jagħmel avviż fil-ħarġa li ġejja tal-fuljett. Dan se jsir billi l-kunsillieri nfushom ikunu ta' eżempju billi joffru lilhom infushom għal dan il-għan.

18. Dwar il-laqgħa mal-Kap tal-Iskola, intqal illi llum hija rrispondiet permezz ta' *e-mail* u se nerġgħu inwiġbuha lura wara li din laqqgħet lill-Kunsill tal-Iskola, fejn fl-istess risposta tagħha tat il-veduti tal-Kunsill Skolastiku. Madankollu, s-Sindku qal li xorta se niltaqgħu mal-ġenituri tat-tfal u l-ideja hija, li tingħalaq parti minn triq Valletta kantuniera ma Parroċċa b'barikata, filwaqt li Triq Valletta kantuniera ma Triq il-Parroċċa tkun *one-way* kontra u tibdel id-direzzjoni Triq id-Duluri, bil-pulizija billi jimmaniġġja t-traffiku fejn ir-*Remissa Bar.*

19. Dwar il-pendenzi li hemm mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba mal-Perit Bezzina, is-SE qal illi bħala ammonti qablu l-*istatements* ta' xulxin għaliex dan l-eżerċizzju kien sar mill-*accountant* u l-awditur sal-aħħar ta' Diċembru. Madankollu kien hemm qbil illi noħorġu l-kuntratt għall-offerta pubblika filwaqt li s-SE jgħaddi kopja tiegħu lill-kunsillieri minn qabel.

20. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 460.

21. Grace Marie Mallia ipproponiet li filwaqt li t-*timer* ta' Misraħ Missjoni ż-Żgħira jibqa' jitfi l-ġnien kollu wara l-11.00pm, jibdew jitħallew xi lampi jixgħelu biex ma jkunx hemm ħafna dlam, anke fis-siegħat bikrin ta' fil-għodu. Is-SE qal li dan ikun jirrikjedi *wiring* mill-ġdid (*returns* mis-*switch* li qiegħed mal-bini) u mhux daqshekk faċli. Madankollu jistgħu isiru miżuri oħra bħal jinżel il-*Wattage* tal-lampi u l-inqas ħaġa li nistgħu nagħmlu hu lli naqtgħu il-*hedge* li gguffat. Jista' jkun li nsolvu l-problema bl-istallazzjoni ta' *floodlight* li ma jkunx qed

idejjaq lil ġirien bid-dawl eċċessiv tiegħu fit-twieqi tal-kmamar tas-sodda bil-lejl. Fl-istess ġnien intqal li hemm il-problema ta’ ħamrija eċċessiva fil-konok, tant li meta tissaqqa’ din taqa’ għal barra. Is-soluzzjoni hija li jew togħla l-kurduna jew titnaqqas il-ħamrija.

22. Il-KLM innota r-riżenja li tefa’ Noel Galea minn kunsillier u dan jiġġustifika n-nuqqas tiegħu illejla magħna bħala kunsillier. Hawn intqal li possibilment sad-darba li ġejja jkollna kunsillier ieħor jeħodlu postu, wara li jkunu konklużi l-elezzjonijiet każwali.

23. Issemma’ l-*Great Spring Show* li żżomm is-soċjeta għall-Ortikoltura fil-ġonna ta’ San Anton fejn il-KLM se jipprepara bixkilla bil-frott, filwaqt li ssemmew ukoll il-*prize days* tal-Iskola San Benedittu f’Ħal Kirkop u l-*Expo Science Week* li għalilha wkoll se nippreparaw ktieb. Issemma’ wkoll l-anniversarju ta’ Dun Raymond Cassar li għalih huma mistiedna l-kunsillieri fi tmiem il-ġimgħa u t-*token* li kien ordnat, kif ukoll il-laqgħa tas-Sindki, bejn il-31 Mejju u l-1 ta’ Ġunju, mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll il-laqgħa li se ssir mir-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar fl-24 ta’ April. Hawn intqal li inbidel is-SE tar-Reġjun tan-Nofs-in-nhar wara li Reuben Sciberras mhux se jibqa jservi hemm u floku daħal Philip Massa.

24. Il-laqgħa tal-KLM se ssir nhar it-Tnejn 29ta’ April, fis-6.30pm, filwaqt li din intemmet fid-8:45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum 29/4/13 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |